KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 32 – L-ERBGĦA 19 TA' MEJJU 2021**

Il-Kunsill ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill b'urġenza biex il-Kunsill ikun jista jikkusidra u japprova ċ-ċedola tal-pagamenti. Dan minħabba l-fatt li s-Segretarji Eżekuttivi kienu qed isegwu direttiva tal-UHM Voice of the Workers sabiex ma ssirx l-ebda komunikazzjoni via email u mezzi oħra. Wara li l-istess direttivi ġew sospiżi, il-Kunsill ħataf l-opportunità biex fil-mument li jiġu sospiżi d-direttivi, il-Kunsill sejjaħ seduta biex ikunu jistgħu jikkunsidra u japprova l-lista tal-pagamenti tal-kredituri. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**32.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

31.1.1 Ma kienx hemm.

## 32.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.

32.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (31) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

32.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 32.3 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI.

32.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

32.3.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Bernice Farrugia.

32.3.3 Rigward *line item* no. 33, is-Sindku Dott. Sciberras informa li kienu nxtraw (4) bins kif kien deċiż f'seduta preċedenti. Informa li kien qed jipproponi li wieħed mill-*bins* jiġi mplimentat fi Triq il-Klin preċiżament maġenb il-kontenitur tal-ħwejjeġ b'mod li jkun milħuq mill-pubbliku inġenerali f'żona li tiġġestixxi attività kummerċjali. *Nem con*. Il-kumplament tal-*bins* ser jiġu mplimentati fi Triq Erin Serracino Inglott, Triq Għargħur km Sqaq Ġarda, u ieħor fi Triq in-Namur.

32.3.4 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

## 32 .4 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

32.4.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 3 ta' Ġunju 2021 fil-5.30 pm.

32.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-membri preżenti biex kull min hu interessat li japplika għal Group Life Policy li qed taħdem fuqha l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, huwa ġentilment mitlub javviċina lis-Segretarju Eżekuttiv.

Peress li hemm stipulata *deadline*, trid tiġi provduta mill-aktar fis possibbli. Is-Segretarju Eżekuttiv semma wkoll li kull min hu interessat, fid-dokument li ntbagħat lil kull membru għandu jsib ukoll saħansitra 'Declaration of good health'. Is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk dawk il-membri li diġa għandhom *home loan* naturalment ikollhom *Life policy* ikunux jistgħu jibbenifikaw minn din il-polza jew le.

32.4.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis 3 ta' Ġunju 2021 fil-5.30 pm.

32.4.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-5.37 p.m.

| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
|---|---|
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |